# Qorti Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

Seduta 20 ta' Lulju, 2017

Att ta' Akkuża numru 6/2016

Ir-Repubblika ta' Malta

v.

Erin Tanti

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuża Numru 6/2016 li biha Erin Tanti, detentur tal-karta tal-identita' numru 164791M ġie akkużat talli :

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi, l-akkużat Erin TANTI kien għalliem tad-drama ġewwa l-iskola ta' l-arti *Masquerade Theatre Arts School* ġewwa l-Imsida, u f'Settembru tas-sena Elfejn u Tlettax (2013), meta huwa allura kellu tnejn u għoxrin (22) sena, ġie ngaġġat mill-iskola privata *St. Michael's Foundation* ta' San Ġwann, sabiex jgħallem id-drama fl-istess skola għal perjodu ta' sena skolastika;

ILLI xi ġimgħat wara li beda jgħallem id-drama ġewwa *St. Michael's Foundation*, l-akkużat Erin TANTI tefa' għajnejh fuq studenta tiegħu: Lisa Maria Zahra, minuri ta' ħmistax (15)-il sena. Lil Lisa Maria kien jafha minn xi żmien qabel għaliex kienet tattendi wkoll l-iskola ta' l-arti *Masquerade Theatre Arts School*, fejn huwa kien jgħallem ukoll;

ILLI Lisa Maria Zahra kienet żagħżugħa brava u promettenti, appassjonata tad-drama, li pero', b'xorti ħażina, kienet għaddejja minn perjodu dipressiv fl-adoloxxenza tagħha. Hija kienet tilfet lil ommha meta kien għad kellha biss sentejn u meta waslet fl-eta' ta' l-adoloxxenza inħakmet minn dipressjoni, tant li kien hemm okkażjonijiet fejn saħansitra pruvat tweġġa' lilha nnifisha. Lisa Maria, iżda, bdiet tegħleb dan il-perjodu kemmxejn turbolenti f'ħajjitha u kienet ħerqana biex tagħmel l-eżamijiet ta' l-O'Levels u timxi 'l quddiem fil-ħajja, fejn anke esprimiet ix-xewqa li wara s-*Sixth Form* tmur tistudja d-drama ġewwa Londra;

ILLI minkejja li kien l-għalliem tagħha u minkejja li Lisa Maria Zahra kienet minuri vulnerabbli, l-akkużat Erin TANTI beda relazzjoni amoruża u sesswali magħha. Konxju mill-fatt li Lisa Maria mhux biss kienet taħt l-eta' u fi stat vulnerabbli ta' dipressjoni, iżda kienet ukoll studenta tiegħu stess, l-akkużat Erin TANTI ipprova kemm jista' jkun iżomm din ir-relazzjoni mistura u 'l bogħod minn għajnejn in-nies. Fil-fatt, ħafna drabi huwa kien jieħu lil Lisa Maria fl-appartament li huwa kien jikri ġewwa Triq Feliċ, il-Belt Valletta, jew, meta missier Lisa Maria kien ikun imsiefer fuq xogħol, kien addirittura jmur inkiss inkiss ġewwa r-residenza tagħha fi Triq Bradford, San Pawl tat-Tarġa, limiti tan-Naxxar;

ILLI waħda minn dawn l-okkażjonijiet seħħet f'Marzu tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), meta Anthony, missier Lisa Maria Zahra, kien imsiefer fuq xogħol ġewwa Dubai. L-akkużat Erin TANTI ħataf din l-oportunita' u għal żewġt iljieli konsekuttivi, u cioe' fil-lejl ta' bejn is-Sittax (16) u s-Sbatax (17) ta' Marzu, u l-lejl bejn is-Sbatax (17) u t-Tmintax (18) ta' Marzu, huwa raqad ma' Lisa Maria Zahra fir-residenza tal-familja tagħha, bil-moħbi tal-familjari tagħha;

ILLI ġara' iżda illi fit-Tmintax (18) ta' Marzu kmieni filgħodu, ċertu Mark Ciangura, li kien jieħu ħsieb il-proprjeta' tal-familja Zahra, innota vettura suspettuża viċin il-kanċell ta' l-istess residenza. Din il-vettura, *Mazda 323* ta' lewn ħadrani bin-numru ta' reġistrazzjoni JBS-583, wara rriżulta li hija l-vettura ta' l-akkużat Erin TANTI. Din il-vettura telqet minn quddiem ir-residenza għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħodu (07:00am) wara lejl sħiħ ipparkjata hemmhekk. Inkwetat bil-preżenza ta' din il-vettura, Mark Ciangura ċempel lil ħu Lisa Maria, Nicholas, li joqgħod il-Manikata, li minn naħa tiegħu aċċeda ġewwa r-residenza fejn, flimkien ma' Mark Ciangura, raw il-filmati tas-sistema tas-*CCTV* installata mar-residenza tal-familja Zahra minn fejn irriżultalhom li għaż-żewġt iljieli konsekuttivi fuq imsemmija, persuna ta' sess maskili

(li wara rriżulta li kien l- akkużat Erin TANTI) kien wasal biswit ir-residenza tal-familja Zahra bil-vettura fuq imsemmija, u baqa' dieħel direttament fil-kamra ta' Lisa Maria Zahra, fejn hemm qatta' l-lejl u telaq l-għada filgħodu;

ILLI nkwetati bil-fatt li Lisa Maria, minuri ta' ħmistax (15)-il sena, kienet qiegħda ddaħħal raġel id-dar bil-lejl bil-moħbi ta' missierha, Mark Ciangura u ħuha Nicholas iddeċidew li jikkomunikaw ma' missier Lisa Maria ġewwa Dubai u jinfurmawh b'dak li kienu skoprew. Anthony Zahra, maħsud u nkwetat b'din l-aħbar bħal ma jkun kull missier ta' bint minuri f'tali ċirkostanzi, qata' l-mawra tiegħu ħesrem, ibbukkja l-ewwel titjira lura lejn Malta (li kienet l-għada), u nforma lil Ciangura u lil Nicholas li sakemm jirritorna lura Malta l-għada, huma kellhom jiżguraw li Lisa Maria ma titħalliex waħedha d-dar, anzi tmur torqod id-dar ta' ħuha ġewwa l-Manikata. Inoltre, għal dik il-lejla, kellhom ukoll jeħdulha l-*mobile phone*;

ILLI meta Lisa Maria Zahra ġiet infurmata li ħuha u Mark Ciangura kienu ndunaw b'dak li kien qiegħed jiġri u li kienu nfurmaw lil missierha, Lisa Maria rrabjat ħafna u rrifjutat li tmur torqod għand ħuha. Eventwalment intlaħaq kompromess fejn minflok ma tmur torqod għand ħuha l-Manikata, għal dik il-lejla hija setgħet tibqa' d-dar, pero' Lucy Giordmaina (li tiġi omm il-*partner* ta' Anthony Zahra) kellha wkoll torqod fir-residenza sabiex iżżomm lil Lisa Maria taħt għajnejha. Il-*mobile phone*, li kien itteħdilha temporanjament minn Mark Ciangura fuq struzzjonijiet ta' missierha Anthony, ingħatalha lura wkoll;

ILLI kif is-sitwazzjoni kkalmat u Lisa Maria Zahra sabet ruħha waħedha fil-kamra tagħha, hija ċemplet lill-akkużat Erin TANTI u nfurmatu li l-familjari tagħha kienu skoprew bir-relazzjoni ta' bejniethom. Hija nfurmatu wkoll li l-familjari tagħha kienu skoprew min hu għaliex iċċekkjaw in-*number plate* tal-karozza. Għal din l-informazzjoni l-akkużat Erin TANTI staqsiha mmedjatament jekk kienux jafu li hu għalliem tagħha, u jekk kienux laħqu nfurmaw lill-Pulizija jew lill-iskola b'din ir-relazzjoni ta' bejniethom. Minkejja li Lisa Maria, minuri ta' ħmistax (15)-il sena u persuna diġa' vulnerabbli, kienet aġitata ħafna dwar l-akkadut, u saħansitra bagħtitlu messaġġ *sms* tgħidlu li kienet se tiġġennen, minflok ma pprova jikkalmaha u ddiskuta magħha kif kellhom jaffrontaw is-sitwazzjoni u lill-familjari, kif kien dmiru li jagħmel fiċ-ċirkostanzi bħala adult, l-għalliem, u s-sieħeb ta' Lisa Maria, l-akkużat Erin TANTI bagħtilha messaġġ jgħidilha li jekk hi kienet se tikkonfermalu li l-familjari tagħha kienu jafu min hu, huwa kien ser ineħħi ħajtu b'idejh. Lisa Maria, fl-istat aġitat u vulnerabbli li kienet fih u bl-emozzjonijiet ta' tfajla ta' ħmistax (15)-il sena li kienet

saret tħobb lill-akkużat, weġbitu li hi ma kellhiex għalfejn tgħix aktar jekk huwa kien ser ineħħi ħajtu b'idejh, u li allura kellhom ineħħu ħajjithom it-tnejn flimkien;

ILLI l-akkużat Erin TANTI ma setax jaċċetta l-fatt li kien inqabad f'relazzjoni ma' tfajla taħt l-eta' u studenta tiegħu stess, u beda jibża' li ser ikollu nkwiet kbir ma' missier Lisa Maria (bniedem magħruf u rispettat fl-isfera ta' l-intrapriża f'Malta), li jitkeċċa mill-iskejjel fejn kien jgħallem u jisfa' bla mpjieg, li jispiċċa jitressaq il-Qorti akkużat li kellu relazzjonijiet sesswali ma' minuri, u li jiġi ttimbrat bħala pedofelu, bil-konsegwenzi kollha li dawn il-fatti jġibu magħhom, inkluż it-tmiem tal-professjoni tiegħu ta' għalliem. Għalhekk, fi ftit minuti fassal pjan sabiex jassigura li jekk ma tkunx tiegħu, Lisa Maria qatt ma tkun ta' ebda ġuvni ieħor, u fl-istess waqt jassigura wkoll li l-istorja tar-relazzjoni ta' bejniethom litteralment tmut ma' l-istess Lisa Maria Zahra. Il-pjan kien ċar: f'dak il-lejl ta' bejn it-Tmintax (18) u d-Dsatax (19) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), Lisa Maria Zahra kellha tmut, u hu kellu jaħrab;

ILLI konxju mill-istat vulnerabbli u depressiv għall-aħħar li kienet fih Lisa Maria Zahra f'dak il-mument, fejn kienet għadha kemm kellmitu dwar suwiċidju, l-akkużat Erin TANTI taha x'tifhem li huwa kien jaqbel li l-unika triq għalihom kienet li jikkommettu suwiċidju flimkien – xi ħaġa li l-akkużat Erin TANTI kien jaf ben tajjeb li kienet se tappella għal Lisa Maria fl-istat depressiv u emottiv li kienet fih f'dik il-lejla, kif ukoll li kienet tappella għall-emotivita' traġiko-romantika ta' tfajla vulnerabbli ta' ħmistax (15)-il sena li saret tħobb ġuvni: l-ideja taż-żewġ maħbubin li jmutu għal xulxin, li jmutu flimkien;

ILLI għalhekk, l-akkużat Erin TANTI nforma lil Lisa Maria Zahra li huwa kien xtara' xi pakketti ta' l-aspirina u li kien ser jgħaddi għaliha aktar tard filgħaxija. Qalilha wkoll biex toqgħod kwieta taparsi kienet rieqda imbagħad x'ħin jasal hu toħroġ minn naħa ta' wara tad-dar biex ma tagħtix fil-għajn. Li *ma qalilhiex*, pero', kien li minbarra l-aspirina u flixkun *Whisky*, huwa kien ser jieħu miegħu f'dik il-lejla (fejn *suppost* kellu jikkommetti suwiċidju magħha), madwar elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) fi flus kontanti, numru ta' ċekkijiet, kif ukoll il-Passaport tiegħu!;

ILLI għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' filgħaxija (23:30hrs) ta' dik il-lejla tat- Tmintax (18) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), l-akkużat Erin TANTI, 'armat' bi tliet kaxxi aspirina (kontenenti 32 pillola kull kaxxa) u flixkun *Whisky* tat-tip *Johnnie Walker Black Label,* u

‘armat’ ukoll, bil-moħbi ta’ Lisa Maria Zahra, bil-flus kontanti, ċekkijiet, u Passaport fuq imsemmija, mar ġabar lil Lisa Maria bil-vettura tiegħu *Mazda 323* fuq imsemmija u saq għal fuq l-Irdumijiet ta’ Ħad-Dingli;

ILLI malli waslu Ħad-Dingli ħdejn l-Irdum, l-akkużat Erin TANTI pparkja l-karozza u hu u Lisa Maria Zahra għamlu xi siegħat fil-karozza fejn belgħu xi aspirina u xorbu wkoll mill-flixkun tal-*Whisky* li huwa kien ħa miegħu. L-akkużat Erin TANTI, bħala adult, l-għalliem, u s-sieħeb ta’ Lisa Maria, meta raha f’dak l-istat estremament vulnerabbli ma għamel xejn biex jgħinha, jwennisha, jikkalmaha, u jiftħilha għajnejha, anzi minflok sqiha l-*Whisky* u taha l-aspirina (li xtara’ huwa stess u li ħa miegħu appożitament huwa stess);

ILLI għal xi l-erbgħa ta’ filgħodu (04:00am), allura ta’ l-għodwa bikrija tad- Dsatax (19) ta’ Marzu tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), Lisa Maria, li kienet diġa’ estremament vulnerabbli u li ġiet reża aktar vulnerabbli bl-alkohol u l-pilloli li kienet ikkunsmat grazzi għall-akkużat Erin TANTI, u l-istess Erin Tanti ħarġu mill-karozza u mxew lejn xifer l-irdum. L-akkużat Erin TANTI, bħala adult, l-għalliem, u s-sieħeb ta’ Lisa Maria, meta raha f’dak l-istat estremament vulnerabbli ma għamel xejn biex jgħinha, jwennisha, jikkalmaha, jiftħilha għajnejha, u jwaqqafha, anzi minflok, bl-intenzjoni li jpoġġilha ħajjitha f’perikolu manifest, kompla magħha u litteralment mexa’ magħha u wassalha f’xifer l-irdum mudlam u fit-tarf nett ta’ ħajjitha;

ILLI f’mument minnhom Lisa Maria sabet post minn fejn kellhom jaqbżu u fl-aħħar sekondi ta’ ħajjitha, proprju qabel ma qabżet għal ġol-fondoq mudlam, hija mhux biss intebħet li l-akkużat Erin TANTI ma kellu ebda ntenzjoni li jaqbeż *magħha*, iżda, qalbha ħebritha wkoll li Erin TANTI lanqas ma kien ser jaqbeż *warajha*. Fil-fatt hija ħarset dritt f’għajnejh u qaltlu biex ma jkunx ġifa. Imbagħad għoddet sa tlieta u qabżet għal isfel ġod-dlamijiet. L-akkużat Erin TANTI, bħala adult, l-għalliem, u s-sieħeb ta’ Lisa Maria, meta raha f’xifer l-irdum-fejn, *del resto*, wassalha huwa stess għall-intenzjonijiet ta’ moħħu - u f’xifer ħajjitha, ma għamel xejn biex iwaqqafha u jsalvalha ħajjitha;

ILLI Lisa Maria Zahra waqgħet għoli ta’ madwar tnejn u tletin (32) metru [madwar tlettax (13)-il sular] għall-fuq il-blat u veġetazzjoni ta’ taħt l-irdumijiet, fejn mietet fuq il-post kaġun tal-ġrieħi estensivi li ġarrbet, fosthom il-frattura tal-kranju tar-ras u ksur estensiv u emoroġiji madwar ġisimha;

ILLI aktar tard matul il-jum tad-Dsatax (19) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), f'xi ħin wara Nofsinhar, xi nies li kienu fuq l-Irdumijiet ta' Ħad-Dingli nnutaw lill-akkużat Erin TANTI fuq il-blat lilhinn minn taħt l-irdum. Wara xi ħin, huwa beda jagħmlilhom sinjali li kellu bżonn l-assistenza. Dawn il-persuni talbu għall-assistenza, fejn fi żmien qasir waslu fuq il-post is-servizzi ta' l-emerġenza, fosthom mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u mill-Forzi Armati ta' Malta, fejn, permezz ta' ħelikopter, tellgħu lill-akkużat Erin TANTI u l-katavru ta' Lisa Maria Zahra. Għalkemm l-akkużat Erin TANTI saħaq li kien qabeż ftit sekondi wara Lisa Maria Zahra proprju mill-istess post minn fejn kienet qabżet hi, ma hemmx paragun bejn il-ġrieħi estensivi subiti minn Lisa Maria Zahra, li ħallewha mejta fuq il-post, u l-ġrieħi subiti mill-akkużat Erin TANTI, li ġie rilaxxjat mill-Isptar wara xi jiem ta' kura u osservazzjoni. Il-ġrieħi ta' l-akkużat Erin TANTI ċertament li m'humiex kompatibbli ma' waqgħa minn tnejn u tletin (32) metru [madwar tlettax (13)-il sular] għoli;

ILLI bħala adult, l-għalliem, u s-sieħeb ta' Lisa Maria Zahra, li kienet minuri u fi stat imminenti ta' vulnerabilita', l-akkużat Erin TANTI kellu obbligu mhux biss morali iżda wkoll legali (hekk imsejjaħ *duty of care*) li jipproteġi u jħares lil Lisa Maria Zahra. Minflok ma proteġiha, taha l-għajnuna, u salvalha ħajjitha, huwa ħariġha minn ġo dar missierha fis-satra tal-lejl u bil-moħbi tal-familjari tagħha, saqha għal fuq l-Irdumijiet ta' Ħad-Dingli, ipprokuralha l-*Whisky* u l-pilloli, u litteralment wassalha proprju f'xifer l-irdum. U jekk dan ma kienx biżżejjed, meta din it-tfajla taħt l-eta' u fl-istat vulnerabbli u ferm prekarju li kienet fih kienet proprju f'xifer l-irdum u f'xifer ħajjitha (fejn u kif wassalha *hu*), huwa ma għamel assolutament xejn biex isalvalha ħajjitha. Għall-kuntrarju, bl-egħmil tiegħu l-akkużat Erin TANTI poġġa ħajjet Lisa Maria Zahra f'periklu ċar. Fi sforz egoist biex jipprova jostor il-fatt li huwa kellu relazzjoni ma' minuri studenta tiegħu, l-akkużat Erin TANTI mhux biss naqas gravament mid-*duty of care* legalment spettanti lilu bħala adult, l-għalliem, u s-sieħeb tal-minuri Lisa Maria, iżda kien proprju dan l-aġir tiegħu (kemm ta' kommissjoni kif ukoll ta' ommissjoni) li wassal għall-mewt ta' Lisa Maria Zahra, tfajla ta' ħmistax (15)-il sena, fil-fjur ta' żgħożitha.

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Erin TANTI sar ħati ta' <u>omiċidju volontarju</u>, u ċioe' talli fil-lejl ta' bejn it-Tmintax (18) u d-Dsatax (19) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), f'dawn il-gżejjer u senjatament f'Ħad-Dingli, limiti tar-Rabat (Malta), dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Lisa Maria Zahra jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Erin TANTI ħati ta' omiċidju volontarju, u cioe' talli fil-lejl ta' bejn it-Tmintax (18) u d-Dsatax (19) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), f'dawn il-ġżejjer u senjatament f'Ħad-Dingli, limiti tar-Rabat (Malta), dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Lisa Maria Zahra, minuri ta' 15-il sena) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Erin TANTI u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru kif ukoll illi jiġi għal xi żmien jew għal kull żmien prevenut milli jeżerċita mill-inqas attivitajiet professjonali li jinvolvu kuntatt dirett jew regolari mat-tfal, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31, 211(1), 211(2), 248 Bis, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fit-Tieni Kap illi, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' l-Att ta' Akkuża, wara li l-akkużat Erin TANTI beda jgħallem id-drama ġewwa l-iskola *St. Michael's Foundation* f'Settembru tas-sena Elfejn u Tlettax (2013), huwa tefa' għajnejh fuq studenta tiegħu stess, u ċioe' Lisa Maria Zahra, minuri ta' ħmistax (15)-il sena. Lil Lisa Maria kien jafha minn xi żmien qabel għaliex kienet tattendi wkoll l-iskola ta' l-arti *Masquerade Theatre Arts School*, fejn huwa kien jgħallem ukoll;

ILLI minkejja li kien l-għalliem tagħha u minkejja li Lisa Maria Zahra kienet minuri u fi stat vulnerabbli, fejn kienet qiegħda tipprova toħroġ minn perjodu ta' dipressjoni pjuttost akuta, l-akkużat Erin TANTI beda' relazzjoni amoruża u sesswali magħha. Konxju mill-fatt li Lisa Maria Zahra mhux biss kienet taħt l-eta' u vulnerabbli iżda kienet ukoll studenta tiegħu, l-akkużat Erin TANTI ipprova kemm jista' jkun iżomm din ir-relazzjoni mistura, tant li kien jiltaqa' magħha 'l bogħod minn għajnejn in-nies: jew ġo l-appartament li huwa kien jikri l-

Belt Valletta, jew, meta missier Lisa Maria kien ikun imsiefer fuq xogħol kien imur inkiss inkiss ġewwa r-residenza fejn kienet tabita ġewwa San Pawl tat-Tarġa, limiti tan-Naxxar;

ILLI waħda minn dawn l-okkażjonijiet seħħet f'Marzu tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), meta Anthony, missier Lisa Maria Zahra, kien imsiefer fuq xogħol ġewwa Dubai. L-akkużat Erin TANTI ħataf din l-opportunita' u għal żewġt iljieli konsekuttivi, u cioe' fil-lejl ta' bejn is-Sittax (16) u s-Sbatax (17) ta' Marzu, u l-lejl sussegwenti bejn is-Sbatax (17) u t-Tmintax (18) ta' Marzu, huwa raqad ma' Lisa Maria Zahra fir-residenza fejn kienet tabita, bil-moħbi tal-familjari tagħha;

ILLI ġara' pero' illi fit-Tmintax (18) ta' Marzu kmieni filgħodu, ċertu Mark Ciangura, li kien jieħu ħsieb il-proprjeta' tal-familja Zahra, innota l-vettura ta' l-akkużat Erin TANTI biswit il-kanċell tar-residenza. Huwa nforma b'dan lil ħu Lisa Maria, Nicholas, fejn, wara li dawn raw il-filmati tas-sistema tas-*CCTV* installata mar-residenza tal-familja Zahra, irriżultalhom li għaż-żewġt iljieli konsekuttivi fuq imsemmija l-akkużat Erin TANTI qatta' l-lejl ma' Lisa Maria ġewwa l-kamra tagħha;

ILLI meta Lisa Maria Zahra ġiet infurmata li ħuha u Mark Ciangura kienu ndunaw b'dak li kien qiegħed jiġri u li kienu nfurmaw lil missierha, Lisa Maria rrabjat ħafna. Kif is-sitwazzjoni kkalmat u Lisa Maria Zahra sabet ruħha waħedha fil-kamra tagħha, hija ċemplet lill-akkużat Erin TANTI u nfurmatu li l-familjari tagħha kienu skoprew bir-relazzjoni ta' bejniethom. Minkejja li Lisa Maria, minuri ta' ħmistax (15)-il sena u persuna diġa' vulnerabbli, kienet aġitata ħafna dwar l-akkadut, u saħansitra bagħtitlu messaġġ *sms* tgħidlu li kienet se tiġennen, minflok ma pprova jikkalmaha u jagħtiha wens u sostenn, kif kien dmiru li jagħmel fiċ-ċirkostanzi bħala adult, l-għalliem, u s-sieħeb ta' Lisa Maria, l-akkużat Erin TANTI bagħtilha messaġġ jgħidilha li jekk hi kienet se tikkonfermalu li l-familjari tagħha kienu jafu min hu, huwa kien ser ineħħi ħajtu b'idejh. Lisa Maria, fl-istat aġitat u vulnerabbli li kienet fih u bl-emozzjonijiet ta' tfajla ta' ħmistax (15)-il sena li kienet saret tħobb lill-akkużat, weġbitu li hi ma kellhiex għalfejn tgħix aktar jekk huwa kien ser ineħħi ħajtu b'idejh, u li allura kellhom ineħħu ħajjithom it-tnejn flimkien;

ILLI minflok ma prova jneħħi dawn il-ħsibijiet koroh minn moħħ din it-tfajla żagħżugħa emozzjonalment imkissra, u jieqaf magħha u jgħinha bħala adult, l-għalliem, u s-sieħeb

tagħha, l-akkużat Erin TANTI kompla jkebbes fil-moħħ vulnerabbli ta' Lisa Maria s-'soluzzjoni' tas-suwiċidju;

ILLI mhux talli hekk, talli l-akkużat Erin TANTI xtara tliet kaxxi aspirina (kontenenti 32 pillola kull kaxxa) minn ġo spiżerija ġewwa l-Belt Valletta u ħa ħsieb jipprokura wkoll flixkun *Whisky* tat-tip *Johnnie Walker Black Label.* Huwa bagħat *sms* lil Lisa Maria fejn infurmaha li kien ħa ħsieb kull ma kellhom bżonn għas-suwiċidju. Infurmaha wkoll li kien ser jgħaddi għaliha aktar tard filgħaxija. Qalilha wkoll biex toqgħod kwieta taparsi kienet rieqda mbagħad x'ħin jasal hu toħroġ minn naħa ta' wara tad-dar biex ma tagħtix fil-għajn;

ILLI għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' filgħaxija (23:30hrs) ta' dik il-lejla tat- Tmintax (18) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), l-akkużat Erin TANTI, 'armat' bl-aspirina u l-*Whisky* fuq imsemmija, u 'armat' ukoll, bil-moħbi ta' Lisa Maria Zahra, b'madwar elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) fi flus kontanti, numru ta' ċekkijiet, u l-Passaport tiegħu, mar ġabar lil Lisa Maria bil-vettura tiegħu *Mazda 323* ta' kulur aħdar bin-numru ta' reġistrazzjoni JBS-583, u saq għal fuq l-Irdumijiet ta' Ħad-Dingli;

ILLI malli waslu Ħad-Dingli ħdejn l-Irdum, l-akkużat Erin TANTI pparkja l-karozza u ħareġ il-kaxxi ta' l-aspirina u l-*Whisky* li huwa kien ħa ħsieb jieħu miegħu. Hu u Lisa Maria Zahra għamlu xi siegħat fil-karozza fejn belgħu xi aspirina u xorbu wkoll mill-flixkun tal-*Whisky*. L-akkużat Erin TANTI, minflok ma tkellem ma' Lisa Maria u fetħilha għajnejha u proteġiha, sqiha l-*Whisky* u taha l-aspirina li kien xtara' u ħa miegħu appożitament huwa stess;

ILLI għal xi l-erbgħa ta' filgħodu (04:00am), allura tal-għodwa bikrija tad- Dsatax (19) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), Lisa Maria Zahra, akkumpanjata mill-akkużat Erin TANTI, ħarġet mill-karozza u mxiet sa xifer l-irdum biex issib post minn fejn taqbeż għal isfel. L-akkużat Erin TANTI ma waqqafhiex, anzi litteralment mexa' magħha u wassalha f'xifer l-irdum;

ILLI f'mument minnhom Lisa Maria sabet post minn fejn kellhom jaqbżu, ħarset f'għajnejn l-akkużat Erin TANTI, qaltlu biex ma jkunx ġifa, għoddet sa tlieta, u qabżet għal isfel;

ILLI Lisa Maria Zahra waqgħet għoli ta' madwar tnejn u tletin (32) metru [madwar tlettax (13)-il sular] għall-fuq il-blat u veġetazzjoni ta' taħt l-irdumijiet, fejn mietet fuq il-post kaġun tal-ġrieħi estensivi li ġarrbet, fosthom il-frattura tal-kranju tar-ras u ksur estensiv u emoroġiji madwar ġisimha;

ILLI billi saħħaħ il-volonta' tal-minuri ta' ħmistax (15)-il sena Lisa Maria Zahra biex twettaq suwiċidju, xtara l-aspirina, prokura l-*Whisky*, mar għaliha d-dar fis-satra tal-lejl, saqha sa ħdejn l-irdum, offrielha l-aspirina u l-*Whisky*, u mexa magħha proprju sa xifer l-irdum meta kien jaf perfettament li l-intenzjoni ta' Lisa Maria Zahra kienet li tikkommetti suwiċidju, l-akkużat Erin TANTI għen lill-minuri Lisa Maria Zahra toqtol ruħha b'idejha.

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Erin TANTI sar ħati talli ġiegħel lil ħaddieħor jiddeċiedi li joqtol ruħu b'idejh jew tah xi għajnuna.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Erin TANTI ħati talli bejn it-Tmintax (18) u d-Dsatax (19) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), f'dawn il-ġżejjer, ġiegħel lil ħaddieħor (Lisa Maria Zahra, minuri ta' 15-il sena) tiddeċiedi li toqtol ruħha b'idejha, jew taha xi għajnuna.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Erin TANTI u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tnax (12)-il sena kif ukoll illi jiġi għal xi żmien jew għal kull żmien prevenut milli jeżerċita mill-inqas attivitajiet professjonali li jinvolvu kuntatt dirett jew regolari mat-tfal skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31, 213, 248 Bis, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fit-Tielet Kap illi, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-ewwel żewġ (2) Kapi ta' l-Att ta' Akkuża, wara li l-akkużat Erin TANTI beda jgħallem id-drama ġewwa l-iskola *St. Michael's Foundation* f'Settembru tas-sena Elfejn u Tlettax (2013), huwa tefa' għajnejh fuq studenta tiegħu stess, u ċioe' Lisa Maria Zahra, minuri ta' ħmistax (15)-il sena. Lil Lisa Maria kien jafha minn xi żmien qabel

għaliex kienet tattendi wkoll l-iskola ta' l-arti *Masquerade Theatre Arts School*, fejn huwa kien jgħallem ukoll;

ILLI minkejja li kien l-għalliem tagħha u minkejja li Lisa Maria Zahra kienet minuri vulnerabbli, l-akkużat Erin TANTI beda' relazzjoni magħha. Konxju mill-fatt li Lisa Maria mhux biss kienet taħt l-eta' u fi stat vulnerabbli ta' dipressjoni, iżda kienet ukoll studenta tiegħu stess, l-akkużat Erin TANTI pprova kemm jista' jkun iżomm din ir-relazzjoni mistura u 'l bogħod minn għajnejn in-nies. Fil-fatt, ħafna drabi huwa kien jieħu lil Lisa Maria fl-appartament li huwa kien jikri, u ċioe' 14, Flat 3, Triq Feliċ, il-Belt Valletta, jew, meta missier Lisa Maria kien ikun imsiefer fuq xogħol, kien addirittura jmur inkiss inkiss ġewwa r-residenza tagħha, u ċioe' 'The Panthers', Triq Bradford, San Pawl tat-Tarġa, limiti tan-Naxxar, fejn kien jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' l-istess minuri Lisa Maria Zahra u jqatta' l-lejl magħha;

ILLI effettivament, meta l-minuri Lisa Maria Zahra mietet kif deskritt aktar 'l fuq fil-kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, u l-kadavru tagħha ttella' minn taħt l-irdum ta' Ħad-Dingli u ġie analizzat forensikament taħt id-direzzjoni tal-Maġistrat Inkwerenti, instab likwidu seminali ta' l-akkużat Erin TANTI fil-qalziet ta' taħt tagħha. Likwidu seminali ta' l-akkużat Erin TANTI instab ukoll mal-lożor tas-sodda tal-minuri fil-kamra tagħha ġewwa r-residenza tal-familja tagħha fuq imsemmija f'San Pawl tat-Tarġa, fejn l-akkużat Erin Tanti ġieli qatta' ljieli mal-minuri Lisa Maria bil-moħbi tal-familjari tagħha, bl-aħħar żewġ iljieli li għamel hekk ikunu l-lejl ta' bejn is-Sittax (16) u s-Sbatax (17) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), u l-lejl sussegwenti bejn is-Sbatax (17) u t-Tmintax (18) ta' Marzu. Waqt l-investigazzjonijiet instab ukoll fil-kamra tal-minuri Lisa Maria Zahra *pregnancy test* użat.

ILLI bħala għalliem tal-minuri Lisa Maria Zahra, kif ukoll bħala adult u sieħeb ta' Lisa Maria, l-akkużat Erin TANTI kellu pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja, awtorita', jew influwenza fuqha. Dan aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li Lisa Maria Zahra kienet persuna vulnerabbli u maħkuma minn dipressjoni tant li kien hemm okkażjonijiet fejn saħansitra pruvat tweġġa' lilha nnifisha. *Inoltre,* bl-aġir tiegħu l-akkużat Erin TANTI xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ipperikola l-ħajja tal-minuri Lisa Maria Zahra tant li addirittura kkaġunalha l-mewt, u dan kif deskritt fl-Ewwel Żewġ (2) Kapi ta' l-Att ta' Akkuża.

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Erin TANTI sar ħati talli <u>pparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' meta din il-persuna kienet vulnerabbli u meta huwa</u>

abbuża mill-pożizzjoni rikonoxxuta li kellu ta' fiduċja, awtorita', jew influwenza fuq tali persuna.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Erin TANTI ħati talli bejn it-Tmintax (18) u d-Dsatax (19) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Erbatax (2014) u matul il-ġranet u ġimgħat ta' qabel, f'dawn il-ġżejjer, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żmenijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' meta din il-persuna kienet vulnerabbli u meta huwa abbuża mill-pożizzjoni rikonoxxuta li kellu ta' fiduċja, awtorita', jew influwenza fuq tali persuna u pperikola l-ħajja ta' tali persuna taħt l-eta'.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Erin TANTI u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien minn tmien (8) snin sa erbgħin (40) sena u reklużjoni għal mhux aktar minn tnax (12)-il perjodu kif ukoll illi jiġi għal xi żmien jew għal kull żmien prevenut milli jeżerċita mill-inqas attivitajiet professjonali li jinvolvu kuntatt dirett jew regolari mat-tfal skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 204Ċ(1),(2)(ċ)(d)(i), 208AĊ(1)(b)(ġ),(2), 208B(2), u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fir-Raba' Kap illi, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-ewwel tliet (3) Kapi ta' l-Att ta' Akkuża, wara li l-akkużat Erin TANTI beda jgħallem id-drama ġewwa l-iskola *St. Michael's Foundation* f'Settembru tas-sena Elfejn u Tlettax (2013), huwa tefa' għajnejh fuq studenta tiegħu stess, u ċioe' Lisa Maria Zahra, minuri ta' ħmistax (15)-il sena. Lil Lisa Maria kien jafha minn xi żmien qabel għaliex kienet tattendi wkoll l-iskola ta' l-arti *Masquerade Theatre Arts School*, fejn huwa kien jgħallem ukoll;

ILLI minkejja li kien l-għalliem tagħha, l-akkużat Erin TANTI beda' relazzjoni magħha. Huwa kien jieħu lil Lisa Maria fl-appartament li huwa kien jikri, u ċioe' 14, Flat 3, Triq Feliċ, il-Belt Valletta, jew, meta missier Lisa Maria kien ikun imsiefer fuq xogħol, kien addirittura

jmur inkiss inkiss ġewwa r-residenza tagħha, u ċioe' 'The Panthers', Triq Bradford, San Pawl tat-Tarġa, limiti tan-Naxxar, fejn kien jipparteċipa f'attivitajiet sesswali magħha;

ILLI effettivament, meta l-minuri Lisa Maria Zahra mietet kif deskritt aktar 'l fuq fil-kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, u l-*mobile phone* tagħha tat-tip *Apple iPhone 5* ġie analizzat mill-espert nominat mill-Maġistrat Inkwerenti, ġo dan il-mobile phone instabu diversi ritratti ta' Lisa Maria Zahra mingħajr ħwejjeġ, *ossia* għarwiena kompletament. F'uħud minn dawn ir-ritratti hemm rifless ġo mera l-persuna li proprju kienet qiegħda tiġbed dawk ir-ritratti. Din il-persuna ma hija ħadd ħlief l-akkużat Erin TANTI.

ILLI bħala għalliem ta' Lisa Maria Zahra, l-akkużat Erin TANTI kien fdat, ukoll jekk biss għal xi żmien, bil-kura, l-edukazzjoni, l-istruzzjoni, il-kontroll, jew il-kustodja ta' l-istess Lisa Maria Zahra – persuna taħt l-eta'. Inoltre, Lisa Maria Zahra kienet persuna vulnerabbli u maħkuma minn dipressjoni tant li kif spjegat aktar 'l fuq fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, kien hemm saħansitra okkażjonijiet fejn hija ppruvat tweġġa' lilha nnifisha.

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Erin TANTI sar ħati talli <u>għamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indeċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegħ, issupplixxa, ittrasmetta, għamel disponibbli, akkwista għalih innifsu jew għal ħaddieħor jew wera dak il-materjal indeċenti ta' persuna ta' taħt l-eta', u dan meta r-reat sar minn persuna li lilha ġiet fdata, ukoll jekk biss għal xi żmien, il-kura, l-edukazzjoni, l-istruzzjoni, il-kontroll, jew il-kustodja ta' l-imsemmija persuna taħt l-eta' (Lisa Maria Zahra), kif ukoll meta l-istess persuna taħt l-eta' kienet persuna vulnerabbli.</u>

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Erin TANTI ħati talli fil-ġranet, ġimgħat, jew xhur ta' qabel it-Tmintax (18) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, <u>għamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indeċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegħ, issupplixxa, ittrasmetta, għamel disponibbli, akkwista għalih innifsu jew għal ħaddieħor jew wera dak il-materjal indeċenti, u dan meta r-reat sar minn persuna li lilha ġiet fdata, ukoll jekk biss għal xi żmien, il-kura, l-edukazzjoni, l-istruzzjoni, il-kontroll, jew il-kustodja ta' l-imsemmija</u>

persuna taħt l-eta' (Lisa Maria Zahra), kif ukoll meta l-istess persuna taħt l-eta' kienet persuna vulnerabbli.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Erin TANTI u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien minn erbgħa (4) snin sa għoxrin (20) sena kif ukoll illi jiġi għal xi żmien jew għal kull żmien prevenut milli jeżerċita mill-inqas attivitajiet professjonali li jinvolvu kuntatt dirett jew regolari mat-tfal skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 208A(1),(3)(a), 208AĊ(b), 208B, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

5. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fil-Ħames Kap illi, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-ewwel Erbgħa (4) Kapi ta' l-Att ta' Akkuża, wara li l-akkużat Erin TANTI beda jgħallem id-drama ġewwa l-iskola *St. Michael's Foundation* f'Settembru tas-sena Elfejn u Tlettax (2013), huwa tefa' għajnejh fuq studenta tiegħu stess, u ċioe' Lisa Maria Zahra, minuri ta' ħmistax (15)-il sena. Lil Lisa Maria kien jafha minn xi żmien qabel għaliex kienet tattendi wkoll l-iskola ta' l-arti *Masquerade Theatre Arts School*, fejn huwa kien jgħallem ukoll;

ILLI minkejja li kien l-għalliem tagħha, l-akkużat Erin TANTI beda' relazzjoni magħha. Huwa kien jieħu lil Lisa Maria fl-appartament li huwa kien jikri, u ċioe' 14, Flat 3, Triq Feliċ, il-Belt Valletta, jew, meta missier Lisa Maria kien ikun imsiefer fuq xogħol, kien addirittura jmur inkiss inkiss ġewwa r-residenza tagħha, u ċioe' 'The Panthers', Triq Bradford, San Pawl tat-Tarġa, limiti tan-Naxxar, fejn kien jipparteċipa f'attivitajiet sesswali magħha;

ILLI effettivament, meta l-minuri Lisa Maria Zahra mietet kif deskritt aktar 'l fuq fil-kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, u l-*mobile phone* tagħha tat-tip *Apple iPhone 5* ġie analizzat mill-espert nominat mill-Maġistrat Inkwerenti, ġo dan il-mobile phone instabu diversi ritratti ta' Lisa Maria Zahra mingħajr ħwejjeġ, *ossia* għarwiena kompletament. F'uħud minn dawn ir-ritratti hemm rifless ġo mera l-persuna li proprju kienet qiegħda tiġbed dawk ir-ritratti. Din il-persuna ma hija ħadd ħlief l-akkużat Erin TANTI. L- akkużat Erin TANTI għaldaqstant kien fil-pussess ta' materjal indeċenti ta' persuna ta' taħt l-eta';

ILLI bħala għalliem ta' Lisa Maria Zahra, l-akkużat Erin TANTI kien fdat, ukoll jekk biss għal xi żmien, bil-kura, l-edukazzjoni, l-istruzzjoni, il-kontroll, jew il-kustodja ta' l-istess Lisa Maria Zahra – persuna taħt l-eta'. Inoltre, Lisa Maria Zahra kienet persuna vulnerabbli u maħkuma minn dipressjoni tant li kif spjegat aktar 'l fuq fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, kien hemm saħansitra okkażjonijiet fejn hija ppruvat tweġġa' lilha nnifisha.

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Erin TANTI sar ħati talli akkwista, xjentement akkwista aċċess permezz ta' teknoloġija ta' informazzjoni u komunikazzjoni għal, jew kellu fil-pussess tiegħu, xi materjal indeċenti li juri jagħti stampa ta', jew jirrappreżenta xi persuna ta' taħt l-eta', u dan meta r-reat sar minn persuna li lilha ġiet fdata, ukoll jekk biss għal xi żmien, il-kura, l-edukazzjoni, l-istruzzjoni, il-kontroll, jew il-kustodja ta' l-imsemmija persuna taħt l-eta' (Lisa Maria Zahra) ), kif ukoll meta l-istess persuna taħt l-eta' kienet persuna vulnerabbli.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Erin TANTI ħati talli fil-ġranet, ġimgħat, jew xhur ta' qabel it-Tmintax (18) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), f'dawn il-ġżejjer, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, akkwista, xjentement akkwista aċċess permezz ta' teknoloġija ta' informazzjoni u komunikazzjoni għal, jew kellu fil-pussess tiegħu, xi materjal indeċenti li juri jagħti stampa ta', jew jirrappreżenta xi persuna ta' taħt l-eta', u dan meta r-reat sar minn persuna li lilha ġiet fdata, ukoll jekk biss għal xi żmien, il-kura, l-edukazzjoni, l-istruzzjoni, il-kontroll, jew il-kustodja ta' l-imsemmija persuna taħt l-eta' (Lisa Maria Zahra) ), kif ukoll meta l-istess persuna taħt l-eta' kienet persuna vulnerabbli.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Erin TANTI u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien minn sena (1) sa sitt (6) snin kif ukoll illi jiġi għal xi żmien jew għal kull żmien prevenut milli jeżerċita mill-inqas attivitajiet professjonali li jinvolvu kuntatt dirett jew regolari mat-tfal skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 208A(1B),(3)(b), 208AĊ(b), 208B, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-eċċezzjonijiet intavolati mill-akkużat fis-27 ta' Mejju, 2016 u jinsabu a fol 24 li huma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-esponent akkuzat, jeccepixxi n-nullita' ta' l-Att tal-Akkuza u dan stante illi l-fatti indikati mill-Avukat Generali fl-Att tal-Akkuza filwaqt illi wiehed jirrikonoxxi li s-sitwazzjoni kienet wahda drammatika, wiehed ma jkunx qed jonqos meta jghid li hawn gew ddrammatizzati aktar milli mehtieg bl-iskop li b'mod immedjat u cjoe malli tinqara l-akkuza, il-gurati jinghataw impressjoni li b'mod immedjat se tixhet dawl ikrah fuq l-esponent u per konsegwenza tista tippregudika irrimedjabilment l-process tieghu mill-bidu nett.

Illi uhud mill-fatti, li l-Avukat Generali qieghed jindika ma jirrizultawx mix-xhieda migbura u l-atti kompilati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.

Illi ezempju ta' dan huwa fl-Att tal-Akkuza fejn l-Avukat Generali jindika x'kienet tikkonsisti d-diskussjoni li l-esponent u Lisa Maria Zahra kellhom wicc imb'wicc, fis-sieghat ta' qabel l-allegat incident. Bir-rispett, l-awtur tal-istess Att ta' Akkuza qatt ma setgha jistabillixxi dan il-fatt.

Illi l-esponent ma jaqbilx l-anqas kif fil-fatti tal-Att tal-Akkuza l-Avukat Generali seta' jindika x'hasbet, x'indunat, x'intebhet Lisa Maria Zahra u sahansitra anke x'hebritha qalbha ftit sekondi qabel id-decess.

Illi l-esponent ma jaqbilx kif fl-Atti tal-Akkuza, l-Avukat Generali isemmi fatti li diga huma stabbiliti bhala skorretti. Fost l-ohrajn l-Avukat Generali isemmi ghal diversi drabi li Lisa Maria Zahra xorbot l-Whisky b'mod eccessiv. Fil-fatt jirrizulta li fil-gisem ta' Lisa Maria Zahra ma nstabet l-ebda tracca ta' xorb alkoholiku u fuq kollox fil-vettura misjuba Dingli Cliffs instab flixkun ilma li Lisa Maria Zahra kienet qed tixrob minnu.

Illi meta wiehed jaghmel analizi ta' kif inhi redatta l-Att tal-Akkuza, tant hija maghmula fit-tul u fiha dettalji zejda li bir-rispett jistghu jkunu mhux ezatti, li mill-ewwel wiehed jasal ghal

konkluzjoni illi l-iskop ta' kif inhi miktuba din l-Att tal-Akkuza huwa biss biex tinfluwenza lil gurati u tohloq pregudizzju, liema pregudizzju se jwassal sabiex qabel ma jkun instema l-ewwel xhud, il-gurati jkunu diga iffurmaw opinjoni.

Bil-mod ta' kif hija redatta l-Att t'Akkuza jista jwassal illi s-serenita' tal-gudizzju tal-gurati tigi disturbata u ghalhekk jista jinholoq pregudizzju ta' smiegh xieraq.

Illi l-esponenti, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi qieghed jirrizerva l-pozizzjoni Kostituzzjonali tieghu.

Illi inotre', f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tkun tal-fehma li dawn il-fatti ma jwasslux ghan-nullita' tal-Att tal-Akkuza innifisa, l-istess Onorabbli Qorti ghandha tordna t-thassir jew ir-riforma tal-partijiet in kwistjoni u dana sabiex jigi assigurat process gust u ekwu.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jecepixxi n-nullita' tal-Ewwel Kap ta' l-Att tal-Akkuza. Bl-akbar rispett, il-fatti kif esposti f'dan il-Kap ma jikkostitwixxux l-elementi tar-reat li l-istess Avukat Generali qieghed jakkuza lill-esponent bih.

Illi l-Avukat Generali stess fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, jakkuza lill-esponent li ghen lil Lisa Maria Zahra toqtol ruhha b'idejha u cjoe li twettaq suwicidju.

Illi bl-akbar rispett dawn iz-zewg Kapi fl-Att tal-Akkuza qatt ma setghu jinghataw bhala alternattiva ghal xulxin, stante l-fatt li l-Avukat Generali fl-Att tal-Akkuza inkluda dawn iz-zewg akkuzi li huma totalment opposti ghal xulxin u hawn wiehed irid jishaq fuq il-fatt illi l-Avukat Generali jrid jiddeciedi verament liema linja se jiehu.

Illi minkejja li l-Avukat Generali jgawdi diskrezzjoni dwar x'akkuzi jressaq f'Att ta' Akkuza u imbaghad ikun f'idejn il-gurati li jiddeciedu jekk tali akkuzi jkunux gew ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi jew le, irid jinghad ukoll li l-istess Avukat Generali ghandu jibni l-Att ta' Akkuza fuq il-provi migbura waqt l-istruttorja.

Illi l-Avukat Generali m'ghandux japprofitta mid-diskrezzjoni li huwa ghandu u jikkrea akkuzi jew aggravji sabiex jaghmel il-kaz aktar oneruz fuq l-akkuzat.

Illi bir-rispett ma jistax ikollok sitwazzjoni fejn il-provi li ngabru juru li l-akkuzat ghandu jigi akkuzat illi kommetta omicidju u jekk le li ghen lil vittma tikkommetti suwicidju u dan gharraguni illi l-elementi taz-zewg reati huma kompletament differenti.

Ghalhekk jekk il-Qorti sejra thalli l-akkuzi kif dedotti mill-Avukat Generali allura sejjer jinholoq pregudizzju serju ghad-difiza tal-esponent b'tali mod illi the *equality of arms* kif sancit mill-Kostituzzjoni, kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jigi zbilancjat favur l-Avukat Generali. Kif giet imfassla l-Att tal-Akkuza, l-akkuzat huwa rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn ma hemmx certezza dwar l-akkuza li qieghed jirrinfaccja. Dan m'huwiex kaz ta' akkuzi alternattivi bhal ma huma s-serq u r-ricettazjoni fejn il-*piu' comprende il meno,* izda zewg akkuzi dwar zewg reati differenti u distinti minn xulxin u b'elementi kostitutivvi differenti. L-Avukat Generali, ghandu d-diskrezzjoni li jiddeciedi b'liema akkuzi jakkuza lill-akkuzat izda m'ghandux id-diskrezzjoni li ma jiddecidix jew li ma jezercitax id-diskrezzjoni tieghu. Dan huwa in linea mal-principju generali tad-dritt li *selecta una via non dat ricursus ad alteram*.
Illi dan huwa assolutament leziv tad-dritt fundamentali tal-esponent illi jkollu smiegh xieraq liema dritt huwa mhares mill-Kostituzzjoni ta' Malta taht l-Artikolu 39, kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea taht l-Artikolu 6 u f'dan is-sens l-esponent jiddikjara illi huwa qieghed jirrizerva l-pozizzjoni Kostituzzjonali tieghu.

.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jecepixxi n-nullita' tat-Tieni Kap ta' l-Att tal-Akkuza. Bl-akbar rispett, il-fatti kif esposti f'dan il-Kap ma jikkostitwixxux l-elementi tar-reat li l-istess Avukat Generali qieghed jakkuza lill-esponent bih. L-esponent qatt ma jista jkun implikat li ghen lil Lisa Maria Zahra toqtol ruhha b'idejha u cjoe li twettaq suwicidju.

Illi l-Avukat Generali stess fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, jakkuza lill-esponent b'omicidju volontarju.

Illi bl-akbar rispett dawn iz-zewg Kapi fl-Att tal-Akkuza qatt ma setghu jinghataw bhala alternativa ghal xulxin, stante l-fatt li l-Avukat Generali fl-Att tal-Akkuza inkluda dawn iz-zewg akkuzi li huma totalment opposti ghal xulxin u hawn wiehed irid jishaq il-fatt illi l-Avukat Generali jrid jiddeciedi verament liema linja se jiehu.

Illi minkejja li l-Avukat Generali jgawdi diskrezzjoni dwar x'akkuzi jressaq f'Att ta' Akkuza, imbaghad ikun f'idejn il-gurati li jiddeciedu jekk tali akkuzi jkunux gew ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi jew le. Pero irid jinghad ukoll li l-istess Avukat Generali ghandu jibni l-Att ta' Akkuza fuq il-provi migbura waqt l-istruttorja.

Illi l-Avukat Generali m'ghandux japprofitta mid-diskrezzjoni li huwa ghandu u jikkrea akkuzi jew aggravji sabiex jaghmel il-kaz aktar oneruz fuq l-akkuzat.

Illi bir-rispett ma jistax ikollok sitwazzjoni fejn il-provi li ngabru juru li l-akkuzat ghandu jigi akkuzat illi kommetta omicidju u jekk le li ghen lil vittma tikkommetti suwicidju u dan ghar-raguni illi l-elementi taz-zewg reati huma kompletament differenti.

Ghalhekk jekk il-Qorti sejra thalli l-akkuzi kif dedotti mill-Avukat Generali allura sejjer jinholoq pregudizzju serju ghad-difiza tal-esponent b'tali mod illi the equality of arms kif sancit mill-Kostituzzjoni, kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jigi zbilancjat favur l-Avukat Generali. Kif giet imfassla l-Att tal-Akkuza, l-akkuzat huwa rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn ma hemmx certezza dwar l-akkuza li qieghed jirrinfaccja. Dan m'huwiex kaz ta' akkuzi alternattivi bhal ma huma s-serq u r-ricettazjoni fejn il-*piu' comprende il meno*, izda zewg akkuzi dwar zewg reati differenti u distinti minn xulxin u b'elementi kostitutivvi differenti. L-Avukat Generali, ghandu d-diskrezzjoni li jiddeciedi b'liema akkuzi jakkuza lill-akkuzat izda m'ghandux id-diskrezzjoni li ma jiddecidix jew li ma jezercitax id-diskrezzjoni tieghu. Dan huwa inlinea mal-principju generali tad-dritt li *selecta una via non dat ricursus ad alteram*.

Illi dan huwa assolutament leziv tad-dritt fundamrntali tal-esponent illi jkollu smiegh xieraq liema dritt huwa mhares mill-Kostituzzjoni ta' Malta taht l-Artikolu 39, kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea taht l-Artikolu 6 u f'dan is-sens l-esponent qieghed jirrizerva l-pozizzjoni Kostituzzjonali tieghu.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi n-nullita' tal-Hames Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza. Il-fatti kif esposti mill-Avukat Generali f'dan il-Kap ma jikkostitwixxux l-elementi tar-reat li l-istess Avukat Generali qieghed jakkuza lill-esponent bih. Bl-akbar rispett lejn l-Avukat Generali, l-istess Avukat Generali qieghed jakkuza lill-

akkuzat b'dan ir-reat bl-aggravju tieghu u dan minkejja li ma jirrizulta bl-ebda mod mill-provi migbura waqt l-istruttorja.

Illi kif indikat mill-fatti stess, il-mobile phone tat-tip Apple iPhone 5 li kien gie analizzat mill-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti, f'liema mobile phone nstabu diversi ritratti ta' Lisa Maria Zahra minghajr hwejjeg, kien ta' Lisa Maria Zahra stess.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost qieghda tinghata l- eccezzjoni *ad hoc* ai termini tal-paragrafu (f) tas-subartiklu (1) tal-Artikolu 449 tal-Kodici Kriminali;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi l-inammissibilta' tal-ahhar erbatax il-paragrafu mix-xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud datata 10 t'April 2014 u jitlob l-isfilz tal-istess u dan stante li ix-xhieda indikata fl-ahhar erbatax il-paragrafu tal-Ispettur Keith Arnaud hija biss hearsay evidence.

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi l-inammissibilta' tal-paragrafu sitta u hamsin u tal-paragrafu sebgha u hamsin tax-xhieda tal-Lance Bombardier Pierre Cassar datata 28 t'April 2014 u jitlob l-isfilz tal-istess u dan stante li ix-xhieda indikata f' paragrafi sitta u hamsin u sebgha u hamsin tax-xhieda tal-Lance Bombardier Pierre Cassar jiffurmaw biss opinjoni ta' xhud u mhumiex jikkonfermaw fatt, tenut kont illi l-istess Cassar qatt ma nhatar bhala espert mill-Qorti.

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi l-inammissibilta' tal-paragrafi erba' u sittin, hamsa u sittin, sitta u sittin, sebgha u sittin, tmienja u sittin, disgha u sittin u sebghin tax-xhieda tal-Lance Bombardier Pierre Cassar datata 28 t'April 2014 fl-atti tal-Istruttorja. u jitlob l-isfilz tal-istess u dan stante li ix-xhieda indikata f' paragrafi erba' u sittin, hamsa u sittin, sitta u sittin, sebgha u sittin, tmienja u sittin, disgha u sittin u sebghin tax-xhieda tal-Lance Bombardier Pierre Cassar jiffurmaw biss opinjoni ta' xhud u mhumiex jikkonfermaw fatt, tenut kont illi l-istess Cassar qatt ma nhatar bhala espert mill-Qorti.

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi l-inammissibilta' tal-paragrafi mija u disa u disghin u mitejn tax-xhieda tal-Lance Bombardier Pierre Cassar datata 28 t'April 2014 fl-atti tal-Istruttorja.u jitlob l-isfilz tal-istess u dan stante li ix-xhieda indikata

f’ paragrafi mija u disa u disghin u mitejn tax-xhieda tal-Lance Bombardier Pierre Cassar jiffurmaw biss opinjoni ta’ xhud u mhumiex jikkonfermaw fatt, tenut kont illi l-istess Cassar qatt ma nhatar bhala espert mill-Qorti.

10. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jecceppixxi l-inammissibilta’ tad-dokument ezebit u mmarkat bhala DOK KA 13 fl-atti tal-Istruttorja u jitlob l-isfilz tal-istess u dan stante li l-awtur tad-dokument *del resto* huwa injot, ma kkonfermax bil-gurament l-awtenticita’ o meno tal-istess dokument.

11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jecceppixxi l-inammissibilta’ tad-dokument ezebit u mmarkat bhala DOK KA 14 fl-atti tal-Istruttorja u jitlob l-isfilz tal-istess u dan stante li l-awtur tad-dokument li *del resto* huwa injot, ma ikkonfermax bil-gurament l-awtenticita’ o meno tal-istess dokument.

12. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jecceppixxi l-inammissibilta’ tar-ritratti kollha tal-persuna mejta inkluz dawk ir-ritratti indikati fir-relazzjoni tat-Tabib Forensiku Dr. Mario Scerri, kif ukoll fir-rapport tal-Patologisti Dr Ali Safraz u Profs. Marie Therese Camilleri u jitlob l-isfilz tal-istess u dan stante li dawn se jservu biss sabiex jiddisturbaw dik is-serenita’ rikjesta’ li jkollhom il-gurati meta jigu biex jiddeciedu li tista tirrizulta fil-pregudizzju ghal gustizzja u dan meta’ ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li Lisa Maria Zahra mietet kawza tal-griehi li garrbet.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti ser tanalizza l-eccezzjonijiet tal-akkuzat punt wara l-iehor fil-kronologija stabbilita mill-akkuzat.

Illi fl-ewwel eccezzjoni l-akkuzat qed jilmenta zewg punti. Fl-ewwel lok li n-narrativa fl-att ta' akkuza hi wahda drammatika, anzi drammatizzata zzejjed, u fit-tieni lok f'parti partikolari tan-narrativa hemm inezatezza li tohrog mill-atti tal-kumpilazzjoni. Flimkien dawn igibu n-nullita' ta' l-att ta' akkuza. Hu stabbilit li n-narrazzjoni tal-fatti kif spjegati mill-Avukat Generali fl-att ta' akkuza ma jorbtu b'ebda mod lill-gurati. Dan hu kuncett li l-imhallef fil-

bidu tal-guri u matul il-kors kollu ta' l-istess ser jenfazizza lill-gurati. Ghalhekk, dan il-punt zgur li f'ebda hin ma jista' jgib in-nullita' ta' l-att ta' akkuza. Dwar it-tieni punt, l-akkuzat ghandu ragun fejn jinghad li Lisa Maria Zahra ma kkonsmat ebda alkohol. Dan il-fatt johrog mill-ezami tossikologiku u ghalhekk il-partijiet fejn hu ndikat li l-vittma kkonsmat l-alkohol ghandu jigi sfilzat mill-att ta' akkuza li ser jinghata lill-gurati billi dan il-fatt mhux minnu.

Illi ghalhekk din il-Qorti tordna li:

Fl-Ewwel Kap:
fil-pagna numru 5 ta' l-att ta' akkuza fit-tieni paragrafu l-kliem: "...u xorbu wkoll mill-flixkun tal-whisky li huwa kien ha mieghu." Kif ukoll il-kliem: "...sqiha l-whisky..." jigu sfilzati mill-att ta' akkuza.

Fl-istess pagna fit-tielet pragrafu l-kliem: "...bl-alkohol u..." jigu sfilzati mill-att ta' akkuza.
Fil-pagna numru 6 ta' l-att ta' akkuza fit-tieni paragrafu l-kliem: "...l-whisky u..." jigu sfilzati mill-att ta' akkuza.

Fit-Tieni Kap:

Fil-pagna numru 9 ta' l-att ta' akkuza fir-raba' paragrafu l-kliem: "...u xorbu wkoll mill-flixkun tal-whisky." Kif ukoll il-kliem: "...sqiha l-whisky u..." jigu sfilzati mill-att ta' akkuza.
Fil-pagna numru 10 ta' l-att ta' akkuza fit-tieni paragrafu l-kliem: "...prokura l-whisky...". kif ukoll il-kliem: "...u l-whisky..." jigu sfilzati mill-att ta' akkuza.

Illi fit-tieni eccezzjoni u fit-tielet eccezzjoni, l-akkuzat qed jilmenta li l-Avukat Generali qatt ma seta' jakkuzah bil-kap ta' l-omicidju u fit-tieni kap li hu assista lil Lisa Maria Zahra toqtol ruhha b'idejha. Hu jikkontendi li dawn iz-zewg akkuzi qatt ma setghu jinghataw bhala alternattiva ghal xulxin u ghalhekk dan igib in-nullita ta' l-att ta' akkuza. Fil-fatt, ma hemm ebda indikazzjoni mill-Avukat Generali li dawn iz-zewg akkuzi huma alternattivi ghal xulxin. Dawn huma zewg akkuzi separati u ma hemm ebda prekluzjoni ghall-Avukat Generali li jaghmel hekk. Dan hu fatt li l-gurati jridu jistabilixxu waqt il-guri wara li jisimghu l-provi mresssqa ghall-attenzjoni taghhom. Mhuwiex il-kompitu ta' din l-Qorti li tidhol fil-fatti tal-kaz billi dik hi s-saltna tal-gurija.

Illi fir-raba' eccezzjoni, l-akkuzat qed jecepixxi n-nullita' tal-hames kap ta' l-att ta' akkuza. Illi r-raguni ghal dan hu li l-mobile in kwistjoni fejn instab il-materjal inkriminanti kien tal-vittma. L-Avukat Generali hu tal-fehma li hemm provi bizzejjed ghal din l-akkuza. Fic-cirkostanzi, hu car li dan il-fatt ghandu jithalla f'idejn il-gurati u ma hemm ebda nullita' ta' dan il-kap.

Illi l-hames eccezzjoni giet irtirata mill-akkuzat.

Illi s-sitt eccezzjoni hi l-isfilz ta' parti mix-xhieda ta' l-Ispettur Keith Arnaud minhabba raguni ta' hearsay. Hu car li l-ispettur li nvestiga l-kaz ikollu a dispozizzjoni tieghu provi li jistghu jirrizultaw minn hearsay evidence. Izda, hu daqstant, car li matul il-kors tal-guri l-istess spettur irid jipprova dak kollu li qed jghid permez ta' xhieda u dokumenti. Fin-nuqqas ta' din l-ipotezi l-imhallef tal-guri jkollu l-obligu li jispjega lill-gurati dan il-kuncett bil-konsegwenzi kollha tieghu.

Illi fis-seba', tmien u disa' eccezzjoni, l-akkuzat qed jilmenta li l-Lance Bombardier Pierre Cassar esprima opinjoni fix-xiehda tieghu fl-atti tal-kompilazzjoni u ghalhekk tali xhieda ghandha tigi sfilzata. Tali xhieda ma tistax tigi sfilzata 'a priori'. Imiss lill-Imhallef li ser imexxi l-guri li jaghti dawk l-indikazzjoni kollha necessarji lill-gurati biex ikunu jistghu jiddistingwu l-opinjoni mill-fatti.

Illi fl-ghaxra u fil-hdax l-eccezzjoni, l-akkuzat qed jitlob li zewg dokumenti jigu sfilzati minhabba l-fatt li l-awtur hu ignot. Fil-fehma ta' din il-Qorti, fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li l-Qorti ma tafx jekk dawn id-dokumenti ser jigu uzati mill-Avukat Generali. F'kaz bhal dan ikun imiss lill-imhallef tal-guri biex jivvaluta l-lanjanza tal-akkuzat proprju fil-guri.

Illi fit-tnax l-eccezzjoni, l-akkuzat qed jitlob l-isfilz tar-ritratti kkollha li ghandhom x'jaqsmu mal-vittma. Hi prassi ta' din il-Qorti, kif presjeduta li qabel ir-ritratti jintwerew lill-guri jsir ezercizzju maz-zewg partijiet bies jigi stabbilit liema ritratti ghandhom jigu murija. It-talba tal-akkuzat biex ir-ritratti kollha jigu sfilzati qatt ma tista' tigi milqugha minhabba l-fatt li dawn ir-ritratti huma prova ammissibbli.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tichad l-eccezzjonijiet kollha mressqa mill-akkuzat bl-eccezzjoni tal-emenda ta' l-att ta' akkuza kif fuq spejegat u cioe' li:

Fl-Ewwel Kap:

fil-pagna numru 5 ta' l-att ta' akkuza fit-tieni paragrafu l-kliem: "...u xorbu wkoll mill-flixkun tal-whisky li huwa kien ha mieghu."  Kif ukoll il-kliem: "...sqiha l-whisky..." jigu sfilzati mill-att ta' akkuza.

Fl-istess pagna fit-tielet paragrafu l-kliem: "...bl-alkohol u..." jigu sfilzati mill-att ta' akkuza.
Fil-pagna numru 6 ta' l-att ta' akkuza fit-tieni paragrafu l-kliem: "...l-whisky u..." jigu sfilzati mill-att ta' akkuza.

Fit-Tieni Kap:

Fil-pagna numru 9 ta' l-att ta' akkuza fir-raba' paragrafu l-kliem: "...u xorbu wkoll mill-flixkun tal-whisky." Kif ukoll il-kliem: "...sqiha l-whisky u..." jigu sfilzati mill-att ta' akkuza.
Fil-pagna numru 10 ta' l-att ta' akkuza fit-tieni paragrafu l-kliem: "...prokura l-whisky...".  kif ukoll il-kliem: "...u l-whisky..." jigu sfilzati mill-att ta' akkuza.